*- Art 39(2) tal-Kostituzzjoni*

*Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea*

*Rikuza Art 814 tal-Kap 12*

*Ritrattazzjoni - Art 811(l) Kap 12.*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**(Sede Kostituzzjonali)**

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Gunju 2016**

**Kawza Numru : 1**
**Rikors Kostituzzjonali Numru : 1/2016/LSO**

**Carmelo Borg u martu Yvonne Ruth Borg (karta tal-identita` numru 48845M u 179709L rispettivament)**

**vs**

**Direttur Generali (Qrati); u l-Avukat Generali gie kjamat fil-kawza d'digriet tad-29 ta' Jannar 2016**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-konjugi Carmelo u Yvonne konjugi Borg datat 6 ta' Jannar 2016 fejn esponew: -

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (35/07/JZM) datata 11 ta' Ottubru 2011, il-Qorti ma kinetx laqghet it-talba tas-sidien tal-appartament numru 47, Block D, St Julians Court, Triq is-Sur Fons, San Giljan biex ir-rikorrenti jizgumbraw 'il barra mill-istess peress illi kien irrizulta li dan l-appartament kien jikkostitwixxi r-residenza ordinarja taghhom fiz-zmien rilevanti;

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell datata 26 ta' Gunju 2015 din il-Qorti laqghet l-appell tas-sidien u kwindi qalbet is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u konsegwentement ordnat lir-rikorrenti jizgumbraw 'il barra mill-fond *de quo* u dana peress illi rrizultalhom li dan il-fond ma kienx jikkonstitwixxi r-residenza ordinarja taghhom fiz-zmien rilevanti;

Illi ma ghandniex xi nghidu, sabiex il-Qorti waslet ghal tali konkluzjoni dijametrikament opposta ghal dik tal-Prim Awla

fuq meritu purament ta' natura fattwali, sar ezercizzju mill-istess Qorti tal-Appell ta' apprezzament mill-gdid tal-provi migjuba;

Illi difatti ghandu jirrizulta mill-qari tas-sentenza tal-appell fuq citata illi din taI-ahhar strahet bazikament fuq prova wahda liema prova kienet giet skartata mill-Ewwel Onnorabbli Qorti bhala mhux attendibbli u njorat ghal kollox il-provi l-ohra kollha li gew ikkunsidrati bir-reqqa mill-Ewwel Qorti;

Illi tenut kont tas-suespost, ir-rikorrenti ntavolaw talba ta' ritrattazzjoni a bazi tal-artikolu 811 (I) kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u peress illi din il-procedura giet appuntata quddiem l-istess panel ta' mhallfin li kienu taw is-sentenza tal-appell meritu ta' ritrattazzjoni, ir-rikorrenti talbu r-rikuza tat-tliet Imhallfin *tramite* rikors taghhom datat 10 ta' Novembru 2015 u dana *a tenur* tal-artikolu 734 (1)(d)(ii) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi permezz ta' provvediment datat 14 ta' Dicernbru 2015, il-Qorti tal-Appell cahdet l-eccezzjoni tar-rikuza u ordnat li jinbeda s-smigh tal-process ta' ritrattazzjoni;

Illi dan il-provvediment ifisser illi l-istess Qorti li ghamlet apprezzament ta' fatti kuntrarji ghal dawk maghmula mill-Ewwel Qorti sejra terga' taghmel hi stess gudizzju fuqha nfisha jekk tali apprezzament li kienet ghamlet kienx gustifikat *o meno*;

Illi dan l-ezercizzju li l-Qorti tal-Appell qed tigi mistiedna li taghmel in ritrattazzjoni ma jistax ikun li jigi ezercitat mill-istess tliet Imhallfin *stante* li dan ikun iwassal certament ghal ksur Kostituzzjonali kif sancit mill-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem fejn jehtieg li l-gudizzju jinghata minn Qorti mparzjali u indipendenti; din ir-regola bazilari f'process gudizzjarju tinsab msejsa fuq principju tal-gustizzja naturali cioe` *nemo judex in causa propria* u fuq dottrina u kazistika kostanti li l-gustizzja mhux biss trid issir izda wkoll li trid tidher li qieghda ssir;

Illi ghalhekk tali provvediment imur kontra l-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif riprodott u konfermat bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem u cioe`

**Any court or other adjudicating authority prescribed by law for the determination of the existence or the extent of civil rights or obligations shall be independent and impartial; and where proceedings for such a determination are instituted by any person before such a court or other adjudicating authority, the case shall be given a fair hearing within a reasonable time.**

**In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial Tribunal established by law";**

Illi bir-rispett kollu lejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell, il-provvediment minnhom moghti ser ikun ifisser li huma ser ikunu qed jagixxu b'mod diametrikament oppost ghal dak mitlub mill-principji kostituzzjonali u fondamentali fuq indikati u kwindi ser ikun qed irendi l-gudizzju taghhom kontra l-ligi, kontra l-Kostituzzjoni ta' Malta u kontra l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-bniedem;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara li l-provvediment moghti mill-Qorti tal-Appell datat 14 ta' Dicembru 2015 sejjer irendi l-ezercizzju tal-istess Qorti tal-Appell fil-kaz ta' ritrattazzjoni numru 35/2007/JZM bhala kontra l-ligi u b'mod partikolari kontra l-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzoni ta' Malta u kontra l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem;

2. Taghti kull provvediment necessarju u opportun halli tassikura li tali trasgressjoni ma tigix attwata;

3. Tordna li jinghata kwalunkwe provvediment jew ordni necessarju u opportun tenut kont tac-cirkostanzi ta' dana l-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tad-29 ta' Jannar 2016.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Qrati) datata 28 ta' Jannar 2016 a fol 8 tal-process fejn espona:

1. IIIi *in linea* preliminari l-intimat kif indikat mir-rikorrenti fil-kawza odjerna ma jezistix fil-ligi u ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2. IIIi *data ma non concesso* ma tigix akkolta l-ewwel eccezzjoni, *in linea* preliminari ukoll, jigi eccepit illi d-Direttur Generali (Qrati) m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi Iliberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3. Illi f' dan il-kaz ir-rikorrenti bl-ebda mod ma hu qed jattribwixxu l-allegat ksur tad-dritt fundamentali tieghu *ai termini* tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghal xi nuqqas min-naha tal-amministrazzjoni tal-Qrati rapprezentata mid-Direttur Generali esponent u ghalhekk anke minn dan il-lat, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Illi f'dan il-kaz ir-rikorrenti qed jattribwixxu l-ilment taghhom ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell li cahdet it-talba taghhom tat-10 ta' Novembru 2015 ghar-rikuza tal-imhallfin u ghal din il-lanjanza zgur li ma jistax iwiegeb jew jigi tenut responsabbli l-esponenti.

5. Illi l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Novembru 2004 fejn intqal:

*‘Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa' taht l-ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibbli ghall-operat tal-Qorti, allura r-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat milI-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistax hawn hekk ikun legittimu kontradittur.'*

6. Illi l-esponent ma kellu ebda kontroll fuq il-proceduri partikolari u lanqas ma kien involut fil-materja u ghalhekk zgur li l-lanjanzi tar-rikorrent mhux tort tal-esponenti li lanqas biss kien parti fil-proceduri.

7. Illi f’dan il-kuntest l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru 2005 fejn gie ritenut:

*'Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registratur ma jirrapprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju - anzi, bil-kontra, <u>huwa jiehu l-ordnijiet minghandhom skont il-ligi</u> - u hu ma hux f'posizzjoni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib*

*x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati.*

8. Illi in oltre ssir riferenza ghas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) datata 12 ta' Marzu tas-sena 2015 fl-ismijiet **Dr. Joseph Zammit Tabona et vs Direttur Generali Qrati et;**

9. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad *in toto* t-talbiet tar-rikorrenti bl-spejjez kontra l-stess rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Gimgha, 29 ta' Jannar 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors deher ir-rikorrent assistit minn Dr Raphael Fenech Adami. Deher Dr Noel Bartolo ghad-Direttur Generali (Qrati). Dr Raphael Fenech Adami b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni talab korrezzjoni tal-okkju billi minflok l-intestatura Direttur Generali (Qrati Civili u Tribunali) jigi sostitwit bil-kliem Direttur Generali (Qrati). Dr Noel Bartolo ma opponiex ghat-talba. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-korrezzjoni mehtiega. Dr Bartolo ghadda ruhu b'notifikat bir-rikors kif korrett, u irtira l-ewwel eccezzjoni. Dr Fenech Adami ghamel referenza ghar-raba' (4) eccezzjoni u talab il-kjamat in kawza tal-Avukat Generali. Dr Bartolo rrimetta ruhu. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni rikjesta. Ir-rikors gie differit ghan-

notifika tal-Avukat Generali b' ghoxrin jum ghar-risposta ghat-23 ta' Frar 2016.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata 22 ta' Frar 2016 a fol 22 tal-process fejn espona :

1. Illi preliminarjament, ghal kull buon fini, fl-ewwel talba tar-rikorrent ghandha ssir korrezzjoni fejn ir-referenza **ghas-sub-artikolu (1)** tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ghandha tigi sostituta **bis-sub-artikolu (2);**

2. Illi minghajr pregudizzju, l-esponenti qed jirrespingu bil-qawwa kollha l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet kollha mnizzla fir-rikors kostituzzjonali bhala infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet li gejjin li qed jigu mnizzla minghajr pregudizzju ghal xulxin:

3. Illi huwa l-artikolu 814 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprezkrivi li t-talba ghal ritrattazzjoni ghandha ssir quddiem il-qorti li tkun tat is-sentenza attakkata u li jistghu joqoghdu fiha l-istess imhallfin jew magistrati. Kwindi l-provvediment moghti mill-Qorti tal-Appell datat 14 ta' Dicembru 2015 mhux ser irendi l-ezercizzju tal-Qorti tal-Appell f'kaz ta' ritrattazzjoni numru 35/2007/JAM bhala kontra l-ligi;

4. Illi gie ribadit u mghallem f'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali li hija haga minn lewn id-dinja, li fis-sistema taghna mhux biss ma hemmx qrati tat-tielet istanza bhalma nsibu per ezempju l-Italja, izda wkoll li r-

ritrattazzjoni huwa mezz straordinarju regolat minn interpretazzjoni strettissima minghajr ebda tigbid u analogiji u ntiz biss sabiex jaghmel tajjeb ghal zbalji gravi;

5. Illi ghandha tkun il-Qorti li ppronunzjat is-sentenza dik il-Qorti li tkun fl-ahjar pozizzjoni li taghraf l-izball li jkun sar u li taghti r-rimedju effettiv bil-heffa. Dan fil-fatt jaghmel hafna sens ghaliex kif fissret din il-Qorti fis-sentenza taghha moghtija fil-15 ta' Marzu 1996, fil-kawza fl-ismijiet: Francesco Saverio Borg vs Direttur Generali et, dan ma hux intiz:

"... ... … *bhala xi att ta' kortesija lejn il-gudikant, imma ghax il-ligi sewwa tippercepixxi illi dak il-gudikant hu fl-ahjar pozizzjoni li jiggudika fuq talba simili u li japprezza l-ahjar jekk fil-kaz minnu deciz kinetx saret gustizzja sostanzjali u, jekk le, kif kellha ssir. Dan ghaliex fil-proceduri eccezzjonali ta' ritrattazzjoni r-rimedju ma hux miftuh ghal kull infrazzjoni procedurali, imma biss ghal dawk li l-ligi stess issemmi li jkunu ta' gravita tali li jkunu ippregudikaw il-process sal-punt li bhala konsegwenza ta' tali irregolarita` tkun ser tigi sanzjonata ingustizzja. Hu ghalhekk spiss fl-interess ta' l-istess gustizzja u tal-kontendenti illi l-kawza tigi ritrattata quddiem, u mill-istess gudikant, li jkun tas-sentenza...";*

6. Illi fis-sentenza Frank Cachia vs Onorevoli Prim Ministru et moghtija fl-10 ta' Ottubru 1991, kien gie deciz li meta t-talba ghal ritrattazzjoni tkun ibbazata fuq l-artikolu 811 (e), jigifieri applikazzjoni hazina tal-ligi, hemmhekk il-kaz ma kellux jinstema' quddiem l-istess gudikanti li taw is-

sentenza mpunjata. Tajjeb li jigi osservat, li f'dan il-kaz il-valutazzjoni li qed tintalab hija dik a bazi tal-artikolu **811(l)** tal-Kap. 12 u cjoe` jekk is-sentenza kinitx l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza;

7. Kif sewwa qalet il-Qorti tal-Appell fil-provvediment taghha tal-14 ta' Dicembru 2016, fil-procedura ta' ritrattazzjoni taht l-artikolu 811(l), issir biss verifika dwar jekk saritx suppozizzjoni jew eskluzjoni zbaljata ta' fatt li ma jkunx ikkontestat li jkun gie deciz bis-sentenza. Il-fatt li mhux ikkontestat tfisser li l-imhallfin ma tawx gudizzju fuqu u ghalhekk ma kellhomx ghalfejn jirrikuzaw ruhhom;

8. Illi l-imhallfin uzaw id-diskrezzjoni moghtija lilhom mil-ligi sewwa meta ddecidew li ma jabdikawx mid-doveri taghhom u jastjenu ruhhom. Dan ghaliex, il-Qorti ddistingwiet dan il-kaz mill-kaz ta' Frank Cachia msemmi fuq;

9. Illi f'dan il-kuntest, hemm bzonn ta' sorveljanza sabiex l-istitut ta' ritrattazzjoni ma jigix abbuzat b'tali mod li min jircievi sentenza li ma toghgbux jittanta jottjeni appell tat-tielet grad quddiem tliet imhallfin differenti;

10. Illi fid-dawl ta' dak li ntqal fuq, jidher bic-car li c-cahda tar-rikuza ma twassalx ghan-nuqqas ta' smigh xieraq quddiem qorti imparzjali u indipendenti u kwindi l-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti fuq l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa minghajr ebda fondament guridiku;

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad il-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promotur tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 23 ta' Frar 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr Raphael Fenech Adami ghar-rikorrenti u Dr Fiorella Fenech Vella ghall-Avukat Generali. Riferribbilment ghall-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali Dr Fenech Adami talab korrezzjoni billi fejn hu msemmi l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, jigi korrett u sostitwit bl-Artikolu 39 (2). Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat korrezzjoni kull fejn hu mehtieg. Id-difensur prezenti laqa’ r-rikors kif korrett. Dr Fenech Adami ddikjara li ma kellux provi ulterjuri, salv li jipprezenta nota ta' referenzi. Dr Fiorella Fenech Vella ddikjarat li ma kellhiex aktar provi. Ir-rikors gie pospost sabiex jidher Dr Noel Bartolo. Meta rega’ ssejjah ir-rikors deher ukoll Dr Noel Bartolo li ghadda ruhu b'notifikat bir-rikors kif korrett. Id-difensuri tal-intimati kellhom il-fakolta’ li jipprezentaw nota ta' referenzi fil-mori. Ir-rikors gie differit ghat-trattazzjoni finali ghas-26 ta’ April 2016; u rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 26 ta' April 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr Raphael Fenech Adami ghar-rikorrenti prezenti u Dr Fiorella Fenech Vella ghall-intimati. Dr Fenech Adami prezentat nota b'kopja ta' sentenza mghotija mill-Qorti

Ewropea u ghadda kopja *seduta stante* lid-difensur tal-kontro-parti u jistrieh fuq l-atti. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet. Ir-rikors gie differit ghas-sentenza ghat-28 ta’ Gunju 2016 fid-9:30a.m. Aktar tard deher Dr Noel Bartolo li ha konjizzjoni ta’ dan il-verbal u talab li jipprezenta nota ta’ referenzi. Il-Qorti laqghet it-talba u taghtu ghoxrin (20) jum zmien biex jipprezenta n-nota tieghu bil-*visto*/notifika tad-difensur tal-kontro-parti.

Rat in-nota ta’ referenzi tad-Direttur Generali (Qrati) datata 16 ta’ Mejju 2016 a fol 46 tal-process.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi r-rikorrenti jilmentaw li sofrew lezjoni fid-drittijiet fondamentali taghhom billi giet michuda t-talba taghhom ghar-rikuza tal-Imhallfin sedenti fl-Onorabbli Qorti tal-Appell maghmula fl-atti ta' talba ghar-ritrattazzjoni ta' sentenza tal-istess Qorti. B'konsegwenza ta' tali provvediment jghidu li t-talba taghhom, li saret abbazi tal-**artikolu 811(l) tal-Kap 12** ser tinstema' mill-istess Imhallfin li ggudikaw is-sentenza ritrattata. Jilmentaw ghaldaqstant li ser jsofru lezjoni tad-drittijiet taghhom ghas-smigh xieraq kif garantit fl-**artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta,** aktar 'il quddiem imsejjah **"Il-Kostituzzjoni"** u tal-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem - Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, '**l quddiem

imsejjah "**Il-Konvenzjoni**"; u dan ghar-ragunijiet esposti fir-rikors promotur.

L-intimat Direttur Generali (Qrati) eccepixxa li mhuwiex il-legittimu kontradittur f'dawn l-atti billi l-ilment jindirizza d-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell fejn cahdet it-talba taghhom ghar-rikuza u ma tattribwixxi bl-ebda mod xi nuqqas min-naha tal-amministrazzjoni tal-Qorti.

Il-kjamat in kawza, l-Avukat Generali oppona ghat-talba billi it-talba ta' ritrattazzjoni hija procedura min-natura taghha eccezzjonali u fil-kaz odjern, fejn it-talba kienet ibbazata fuq l-artikolu 811(l) tal-Kap 12, issir biss verifika dwar jekk saritx suppozizzjoni jew eskluzjoni zbaljata ta' fatt li ma jkunx ikkontestat li jkun gie deciz bis-sentenza. Ghandu jsir distinzjoni mill-fatti tal-kaz deciz fis-sentenza **Frank Cachia v Onorevoli Prim Ministru** (deciz fl-10 ta' Ottubru 1991) fejn it-talba saret abbazi tal-**artikolu 811(e) tal-Kap.12.**[1] L-Avukat Generali jissottolinea wkoll li l-ordinament guridiku taghna ma jikkontemplax appell tat-tielet grad.

Illi l-kwistjoni sollevata b'dawn il-proceduri hija kwistjoni prettament legali. Il-fatti rilevanti ghat-talba odjerna mhumiex in kontestazzjoni billi dawn jirrizultaw mit-talba ghar-ritrattazzjoni, r-risposta u d-digriet tal-Qorti tal-Appell. Dawn l-atti huma esebiti a fol 15 sa 20 tal-process.

[1] Dan is-subinciz jiddisponi li kawza quddiem il-Qorti ta' l-Appell tista' tigi ritrattata *"(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin;*
*għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni;"*

**L-eccezzjoni tad-Direttur Generali (Qrati).**

L-intimat Direttur Generali (Qrati) eccepixxa li mhuwiex il-legittimu kontradittur f'dawn l-atti billi l-ilment jindirizza d-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell fejn cahdet it-talba taghhom ghar-rikuza u ma tattribwixxi bl-ebda mod xi nuqqas min-naha tal-amministrazzjoni tal-Qorti.

Kif gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **George Xuereb v Registratur tal-Qrati et.** (Q.K. - 8 ta' Novembru 2004) :

"*Issa, fil-kaz prezenti, l-ebda dipartiment ta' Gvern ma kien involut fil-litigju, u huwa ben saput fid-dritt kostituzzjonali w konvenzjonali li l-Gudikatura hija ndipendenti mill-Ezekuttiv, u certament ma tistghax titqies bhala dipartiment tal-Gvern. Bla ebda mod ma hu qed jattribwixxi l-allegat dewmien ghal xi operat jew agir minn naha ta' l-amministrazzjoni tal-Qrati, rappresentatha mir-Registratur tal-Qorti.*"

*"Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu ndipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa' taht ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens, mela, li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibbli ghall-operat tal-Qorti, allura, ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-*

*Gudikant, ma jistghax hawnhekk ikun legittimu kontradittur."*

Illi fil-kaz in dizamina r-rikorrent qed jilmenta li provvediment gudizzjarju x'aktarx ser iledi d-dritt tieghu ghas-smigh xieraq. Mhux qed jigi impunjat l-operat amministrattiv tal-intimat Direttur Generali (Qrati).

Ghalhekk din l-eccezzjoni sollevata mid-Direttur Generali (Qrati) qed tigi milqugha u qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.

**Konsiderazzjoni tat-Talbiet fil-Mertu.**

**Il-Ligi Ordinarja**

**L-Artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kap 12** jiddisponi li hija raguni ghar-rikuza jew astensjoni ta' Imhallef:

"ii) *jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala imħallef jew bħala arbitru:*

*Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles ab observantia,"*

Madanakollu skont l-**Artikolu 814 tal-kap 12 jiddisponi***:*

***"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu II tat-Titolu II tat-Tielet Ktieb ta' dan il-Kodiċi,*** *it-talba għar-ritrattazzjoni għandha ssir quddiem il-qorti li tkun tat is-sentenza attakkata, u jistgħu joqogħdu fiha l-istess imħallfin jew maġistrati."*

Illi pero' biz-zieda tal-kliem fuq indikati "*bold",* il-legislatur jerga' jaghmel kap ghall-**artikolu 734** dwar r-ragunijiet ta' rikuza jew astensjoni ta' gudikant.

**L-artikolu 811(l) tal-Kap 12 jiddisponi hekk:**

***"811.*** *Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla,fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*

-omissis-

*(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.*

*Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza."* (enfasi ta' din il-Qorti).

Illi ir-ragunijiet ghar-ritrattazzjoni fl-isfond tal-applikazzjoni tal-Artikolu 734 u 814 tal-Kap 12 u l-kompatibbilita' mal-garanziji tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni gew trattati f'diversi okkazzjonijiet fil-Qrati taghna.

Huwa utili u necessarju ghalhekk li ssir riferenza ghall-interpretazzjoni moghtija mill-Qrati taghna ghas-subinciz 811(l) tal-Kap 12 sabiex jigi apprezzat jekk l-ghazla tal-gudikanti li jkomplu jisimghu talba ghar-ritrattazzjoni hija vjolattiva tad-drittijiet fondamentali tal-litigant.

Illi hawn issir referenza ghas-sentenzi **"John Zammit et vs Michael Tabone *et proprio et nomine*"** (A.C. – 22 ta' Jannar 2001) u **"Josephine Azzopardi vs Rose Cilia"** (A.I.C. (RCP) – 29 ta' Jannar 2009 fejn inghad li sabiex jigu sodisfatti l-elementi ta' dan l-artikolu irid ikun hemm:-

(a) l-izball irid ikun wiehed ta' fatt u mhux zball ta' interpretazzjoni **(Vol.XXV.i.140).**

(b) l-izball irid ikun wiehed materjali li jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza, b'mod li s-sentenza tkun kontrastanti ma' dak l-att u dokumenti u mhux relatat mal-interpretazzjoni ta' dak li huma l-fatti kif apprezzati mill-gudikant u dan peress li l-apprezzament u l-interpretazzjoni ta' fatt jikkostitwixxu l-konvinciment insindakabbli tal-gudikant. *"L' errore di fatto deve inoltre trovarsi in rapporto di casulalita' colla decisione, ed e' necessario che il fatto*

*non abbia formato un punto controverso e deciso colla sentenza impugnata”* **((Vol. XLI.i.47).**

(c) Jekk l-izball akkampat bhala motiv ta’ ritrattazzjoni kien punt ta’ kontestazzjoni li gie maqtugh bid-decizjoni mpunjata, mhix ammessa r-ritrattazzjoni fuq il-motiv ta’ dak l-izball, u l-apprezzament u interpretazzjoni tal-fatti ma humiex sindakabbli, u ma jaghtux lok ghar-rimedju legali tar-rittrattazzjoni **(Vol. XLI.i.47).**

(d) Il-fatt li r-ritrattandi ma jaqblux ma’ l-apprezzament u ma’ l-interpretazzjoni li tinsab fis-sentenza appellata ma jwasslux sabiex tali sentenza tigi annullata abbazi tal-**artikolu 811 (l)** u dan ghaliex l-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti ma humiex sindikabbli u ma jaghtux lok ghar-rimedju legali tar-ritrattazzjoni (**“Isidoro Agius vs Giuseppi Bugeja et”** A.C. – 13 ta’ Gunju 1995; **“G. Vella Zarb vs A. Bartolo”** A.C. – 3 ta’ Frar 1930; **“Mary Rota et vs Mary Camilleri”** P.A. (GV) – 30 ta’ Marzu 2001.

(e) L-izball irid jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza u jridu jigu sodisfatti l-elementi tat-tieni paragrafu tal-istess disposizzjoni legali – b’dan li l-izball irid ikun wiehed materjali u tali li minhabba <u>mera inavvertenza</u> ikun wassal lill-gudikant jissoponi inezistenti fatt pozittivament stabbilit. Il-ligi tirrikjedi li zball jirrizulta minn atti jew minn dokumenti tal-kawza, u b’hekk li l-gudikant b’nuqqas ta’ avvertenza ma jkunx ikkonsultahom.

Kif gie rilevat fid-decizjonijiet a **Vol XXIV.i.609** u **XXIV.i.433**[2] "*l'errore di fatto perche possa aprire l'adito alla ritrattazione deve risultare dagli atti e dei documenti della causa, e deve essere un errore materiale, intuitivo, risultante* *<u>dal semplice confronto delle dichiarazioni della sentenza cogli atti e coi documenti e non relativo ai criterio caratteri col quale il fatto e' stato applicato dal giudicante.</u>* *...-L'errore di fatto deve inoltre trovarsi in rapporto di casualita' colla decisione, ed e' necessario che il fatto nonabbia formato un punto controverso e deciso colla sentenza impugnata."* (enfasi ta' din il-Qorti).

**Il-provvediment tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Dicembru 2015**[3]

Illi permezz ta' rikors ipprezentat fl-10 ta' Novembru 2015 (fol 15), ir-rikorrenti odjerni talbu r-rikuza tal-Imhallfin sedenti fil-Qorti tal-Appell fit-termini tal-**artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** billi huma l-istess *panel* ta' Imhallfin li ddecidew l-Appell ritrattat. Ir-rikorrenti ppremettew :

"*Illi f'dan il-kaz il-Qorti tal-Appell kienet waslet ghall-konkluzjoni fejn assumiet bhala veritjier u fattwali l-affermazzjoni tal-Avukat Dottor Tonio Azzopardi li r-residenza tal-konjugi Borg kienet tinsab barra minn Malta meta ghall-kuntrarju l-provi l-ohra kollha mressqa jindikaw*

[2] Citati fil-Massimarju tal-Imhallef Philip Sciberras, Vol. I , p.682
[3] Esebit a fol 18 tal-atti

*mod iehor u cioe` li r-residenza taghhom kienet hawn Malta.*

*Illi fil-fatt l-Ewwel Onorabbli qorti kienet skartat ghal kollox l-affermazzjoni tal-Avukat Dottor Tonio Azzopardi u strahet minnflok fuq il-provi l-ohra kollha mressqa li lkoll indikaw r-residenza tal-konjugi Borg bhala li kienet u ghadha f'dawn il-Gzejjer.*

*Illi ghalhekk ... jkun ghaqli u opportun ghal finijiet tal-gustizzja li l-aggravju mressaq fir-ritrattazzjoni ma ghandux jinstema' u jigi deciz mill-istess panel ta' Imhallfin peress li l-istess panel ta' Imhallfin gja ghamlu gudizzju fuq il-kwistjoni ta' residenza meta ghazlu li jaccettaw bhala fatt l-affermazzjoni ta' Dr. Azzopardi u jiskartaw il-provi l-ohra kontrarji."*

Illi fid-digriet taghha tal-14 ta' Dicembru 2015 il-Qorti ta' l-Appell cahdet it-talba ta' rikuza *stante* li "*kieku l-konvenuti kienu qeghdin jitolbu valutazzjoni mill-gdid tax-xhiedha li fuqha strahet din il-Qorti biex waslu ghad-decizjoni taghha fis-sentenza attakkata, il-konvenuti kien ikollhom ragun jir*rikuzaw *lill-imhallfin li diga ghamlu valutazzjoni tal-istess xhiedha. Din izda hija procedura ta' ritrattazzjoni taht l-artikolu 811(1)(l) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili fejn ma jsirx valutazzjoni mill-gdid ta' xhiedha izda biss verifika dwar jekk saritx suppozizzjoni jew eskluzjoni zbaljata ta' fatt li 'ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza. Jekk il-fatt huwa wiehed li kien 'punt ikkontestat illi kien deciz bis-sentenza i.e. fatt li*

*dwaru l-Imhallfin gia fissru l-fehma taghhom, ma tinghatax ritrattazzjoni. Il-kwistjoni mela bilfors trid tkun dwar fatt li, ghax ma kienx 'punt kontestat deciz bis-sentenza attakkata'* *huwa fatt li dwaru l-imhallfin ghadhom ma tawx il-fehma taghhom u ghax ghadhom ma tawx il-fehma taghhom fuqu, ma huwiex raguni ghar*-rikuza *jew astensjoni."* (enfasi ta' din il-Qorti).

**L-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni**

Illi qabel xejn jigi precizat li kull persuna tista' tfittex rimedji ghall-ksur tad-drittijiet u libertajiet fondamentali kif garantiti fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni mhux biss meta dawn gew lezi, imma anke jekk dawn id-drittijiet x'aktarx ser jigu lezi. Il-kaz odjern jirrigwarda provvediment fejn talba ghar-rikuza ta' imhallfin giet michuda u sentenza fil-mertu ghadha pendenti. Hawn qed jigi allegat li dan il-provvediment naqqas dawk il-garanziji ta' imparzjalita' li huma kienu intitolati jistennew.

Illi għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur l-**artikolu 39** tal-Kostituzzjoni, għandu jingħad li l-Artikolu 39(2) jiddisponi li :

"*Kull Qorti jew awtorita` ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem Qorti jew awtorita` ohra gudikanti bhal*

*dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli*."

Fl-**artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea** (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) insibu hekk:

"*In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law*".

Illi dawn id-disposizzjonijiet jirriflettu l-istess principji u dak li ser jinghad b'riferenza ghall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplika ghall-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.

Kif jispjegaw l-awturi **Harris, O'Boyle u Warbrick**: "*The objective test of 'impartiality' is comparable to the English Law doctrine that 'justice must not only be done: it must also be seen to be done'. In this context the [European] Court [of Human Rights] emphasises the importance of 'appearances'. As the Court has stated, '[w]hat is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and, above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused'*[4]. *In applying the test, the opinion of the party to the case who is alleging partiality is 'important but not* decisive' ; *what is crucial is whether the doubt as to impartiality can be 'objectively justified'*[5]. *If there is a*

[4] **Fey v. Austria** A 255-A para 30 (1993).
[5] **Hauschildt v. Denmark** A 154 para 48 (1989).

*legitimate doubt as to a judge's impartiality, he must withdraw from the case*.[6] ."

Kif gie ritenut mill-Qorti Ewropea fil- kaz **Micallef v Malta**[7]**:**

**"***1. Impartiality normally denotes the absence of prejudice or bias and its existence or otherwise can be tested in various ways. According to the Court's constant case-law, the existence of impartiality for the purposes of Article 6 § 1 must be determined according to a subjective test where regard must be had to the personal conviction and behaviour of a particular judge, that is, whether the judge held any personal prejudice or bias in a given case; and also according to an objective test, that is to say by ascertaining whether the tribunal itself and, among other aspects, its composition, offered sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in respect of its impartiality (see, inter alia, **Fey v. Austria**, 24 February 1993, §§ 27, 28 and 30, Series A no. 255-A, and **Wettstein v. Switzerland,** no. 33958/96, § 42, ECHR 2000-XII)* Ara wkoll il-kaz ta' **Piersack** (1 ta' Ottubru 1982).....

*......2. In this respect even appearances may be of a certain importance or, in other words, "justice must not only be done, it must also be seen to be done" (see De Cubber, cited above, § 26). What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public. Thus, any judge in respect of whom there is a*

[6] Harris, D. J., O'Boyle, M., Warbrick, C. ***Law of the European Convention on Human Rights***, Butterworths (London), 1995, p. 23
[7] Grand Chamber - 15th October 2009 (*Application no. 17056/06)*

*legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see* ***Castillo Algar v. Spain****, 28 October 1998, § 45, Reports 1998-VIII)."*

Illi kif gja gie premess l-applikazzjoni tal-garanzija ta' smigh xieraq fi proceduri ta' ritrattazzjoni giet ikkonsidrata mill-Qrati taghna kif ukoll mill-Qorti Ewropea f'diversi sentenzi. Madanakollu ghandu jinghad li b'riferenza ghall-artikolu 814 tal-Kap 12 fuq citat ma gietx dikjarata fiha innifisha leziva tad-drittijiet garantiti ghas-smigh minn tribunal imparzjali imma biss in kwantu abbinat ma' xi subincizi **tal-Artikolu 811**. (***Vide*** is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Frank Cachia v Onor. Prim Ministru et.** (10 ta' Ottubru 1991) li f'dak il-kaz kien jittratta talba abbazi tal-**Artikolu 811(e)** tal-Kap.12)**.**

Illi skont is-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet **"Maria Rosa Tabone vs Avukat Generali et"** li kkonsidrat talba ghar-ritrattazzjoni abbazi tal-Artikolu 811(e) u (i) inghad li:-

*"Minn dan kollu jidher car li skont is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali, gie dikjarat li dik il-parti tal-****Artikolu 814 tal-Kap 12*** *fejn hemm pprovdut illi "jistghu joqghodu l-istess imhallfin jew magistrati" li jkunu taw is-sentenza attakkata, fil-kazijiet* <u>*fejn ir-ritrattazzjoni*</u> *tkun qeghda tintalab ghar-ragunijiet indikati fl-****artikolu 811 (e) u (i)*** *tidher li ma hijiex konsona mal-****artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni*** **Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali** u ghalhekk b'effett tal-**Artikolu 3 (2) tal-**

**Kap 319,** *tali artikoli 811 (e) u (i) abbinati mal-Artikolu 814 fejn jinghad li jistghu joqghodu l-istess imhallfin u magistrati li ppresjedew fis-sentenza attakata, jigi rez null u bla effett, kull fejn huwa inkonsistenti mal-istess artikoli tad-drittijiet fundamentali. Dan inghad b'mod car fis-sentenza* ***"Frank Cachia vs. Onor. Prim Ministru"*** *anzi inghad ukoll tali disposizzjonijiet tal-ligijiet ordinarji hekk dikjarati inkostituzzjonali jigu rezi bla effett. Dan ir-rizultat jezimi kull awtorita' mill-bzonn li jsiru emendi jew revoki, skont il-kaz ta' ligijiet".*

Illi r-rikorrent iccita mis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea fil-kaz fl-ismijiet **"Case of San Leonard Band Club v Malta"** (App. No : 77562/01 – 29 ta' Lulju 1994)[8]. F'dan il-kaz is-socjeta' rikorrenti ghalkemm ma kienitx irrikuzat formalment lill-Imhallfin sedenti pero' kienet talbithom biex jastjenu fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha. Ir-ritrattazzjoni kienet qed tintalab a bazi ta' l-**artikolu 811 (e).**

Il-Qorti Ewropea riaffermat iz-zewg testijiet ghall-accertament tal-imparzjalita' ta' tribunal, u cioe`: *'the first consists in seeking to determine the personal conviction of a particular judge in a given case; the second in ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect (see, among other authorities,* ***Gautrin and Others v. France,*** *judgment of 20 May 1998, Reports 1998-III, pp. 1030-31, § 58, and* ***Thomann,*** *cited above, p. 815, § 30)".*

[8] Kopja esebita in atti a fol 30-44.

Dwar it-test soggettiv ma hemm l-ebda lment da parti tar-rikorrent. Ir-rikors odjern jikkoncerna l-fatt illi l-istess tliet Imhallfin kellhom jiddeciedu dwar ritrattazzjoni ta' kawza l-istess Imhallfin kienu ddecidew fil-mertu.

Illi dwar it-test oggettiv l-istess decizjoni sostniet li:-

*"62. The Court accepts that that situation could raise doubts in the applicant company's mind about the impartiality of the Court of Appeal. However, it has to decide whether those doubts were objectively justified. The answer to this question depends on the circumstances of the case.*

*63. In this connection, the Court observes that, as regards the request for a retrial, the Court of Appeal was essentially called upon to ascertain whether its previous judgment of 30 December 1993 was based on a misinterpretation of the law. Thus, the same judges were called upon to decide whether or not they themselves had committed an error of legal interpretation or application in their previous decision, being in fact requested to judge themselves and their ability to apply the law.*

*3. The Court notes that the present case is distinguishable from that of Thomann, cited by the Government (see paragraph 52 above). In the latter case, during the retrial proceedings new and comprehensive information was available to the judges, who were undertaking a fresh consideration of the whole matter and were not called upon to evaluate and determine their own alleged mistakes (p.*

*816, § 35). In the instant case, the trial judges were called upon to assess and determine whether their own application of the law had been adequate and sufficient.*

*4. These circumstances are sufficient to hold the applicant company's fears as to the lack of impartiality of the Court of Appeal to be objectively justified."*

Illi s-sentenza **San Leonard Band Club v Malta** hija konformi mal-posizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza li ghaliha diga saret riferenza fl-ismijiet **Frank Cachia v Onor. Prim Ministru et.** li kien jitratta proprju l-istess subinciz 811(e) tal-Kap.12.

Din il-Qorti tifhem li minn ezami ta' diversi sentenzi huwa stabbilit bhala principju li f'kazijiet fejn ikun hemm proceduri ta' ritrattazzjoni a bazi ta' l-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12** ma jistghux jigu decizi mill-istess Imhallfin li jkunu ddecidew l-appell ghaliex ikun hemm lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq kif protett mill-Konvenzjoni Ewropea u l-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-Qorti kienet osservat li ma jistax gudikant jidher li huwa oggettivament imparzjali meta jigi biex jikkonsidra talba li hu jkun, f'sentenza tieghu, applika l-ligi hazin.

**Applikati** dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti trid tikkonsidra jekk id-decizjoni tal-Imhallfin li jippresjedu l-Qorti tal-Appell li jirrespingu t-talba ghar-rikuza abbazi tal-**Artikolu 811(l) tal-Kap 12** huwa wkoll leziv ghad-dritt ghas-smigh xieraq quddiem tribunal imparzjali.

Jigi precizat li mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tezamina l-fatti li wasslu ghar-ritrattazzjoni. Mhiex appell tat-tielet grad. Isegwi wkoll li mhix ser tezamina jekk it-talba hix sostenibbli jew le; jew jekk humiex soddisfatti l-principji enuncjati fil-gurisprudenza applikabbli ghas-subinciz imsemmi, jew jekk tistax jew ghandhiex tintalab ir-revoka tas-sentenza. Dawn huma kollha mertu tar-ritrattazzjoni.

Illi kif gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tas-17 ta' Gunju 1994 fl-ismijiet **Carmela Bugeja et v Onor. Prim Ministru et.** id-deroga kostituzzjonali applikata ghall-Artikolu 814 fil-kuntest ta' talba ghar-ritrattazzjoni skont is-subinciz 811(e), ma japplikax ghas-subinciz 811(l). Dik il-Qorti, wara li kkonsidrat li l-Artikolu 814 tal-kap 12 ma jaghmilhiex tassattiva ghall-gudikant li jisma' hu bilfors kawza mill-gdid li tigi quddiemu,[9] irribadiet li s-sentenza fil-kaz ta' ***Frank Cachia vs. Onor. Prim Ministru"*** fuq citat, ma testendix ghall-kazijiet kollha kkontemplati fl-artikolu 811. Ghamlet riferenza ghas-sentenza moghtija fil-kaz fl-ismijiet **Lucia Salomone et. v Francis Dingli et. (App.Civ. -** 13 ta' Ottubru 1992) "*fejn il-punt rega' tqajjem riferibbilment ghas-subartikli (f) (g) u (l) ta'l-Artikolu 811, fejn gie deciz li l-principji enuncjati fis-sentenza* ***Cachia v Onor. Prim Ministru'*** *ma jistghux ukoll japplikaw ghall-kaz kontemplati fil-paragrafi (f) (g) u (l) peress li dawk il-paragrafi jikkontemplaw BISS kwistjonijiet ta' fatt u xejn aktar li jew jirrizultaw jew ma jirrizultawx u ghalhekk kwistjonijiet ta' imparzjalita' u pregudizzju semplicement ma jidhlux..."*

[9] L-artiklu 814 jiddisponi biss li l-gudikanti *'jistghu joqghodu' fil-kawza ritratta.*

Il-Qorti Kostituzzjonali f'dak il-kaz, esprimiet il-fehma li ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 811(l) "*ma jidhirlix li huwa l-kaz li testendi mutatis mutandis dak li gie ritenut u deciz fis-sentenza* ***Cachia v Onor. Prim Ministru*** *meta din iddecidiet dwar l-Artikolu 811(e). Jista' jigri li l-apprezzament mill-gdid ta' fatti jkun tali li jkun aktar xieraq li l-kawza tigi mismugha u deciza minn gudikanti differenti, imma f'dan il-kaz, dak li hemm stipulat fil-ligi ordinarja toffri garanziji bizzejjed, u m'ghandux jitqies li fil-kaz kontemplat fl-Artikolu 811(l) hemm xi vjolazzjoni kontra l-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem."* Ghalhekk irriteniet li dak deciz fil-kaz **Salomone v Dingli** kien "validu gust u korrett".

Illi din il-Qorti taqbel ma' din il-posizzjoni. L-artikolu 811(l) tal-Kap 12 jirrigwarda zball oggettiv ta' fatt u ma jinnecessitax interpretazzjoni ta' dritt jew valutazzjoni mill-gdid ta' prova kontroversa. Ghaldaqstant ma ssibx li l-provvediment tal-14 ta' Dicembru 2015 mertu ta' dawn il-proceduri huwa leziv tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni in kwantu li tali provvediment inghata fi proceduri ta' ritrattazzjoni ppernjati fuq l-Artikolu 811(l) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa'** l-eccezzjonijiet tal-intimat Direttur Generali (Qrati) u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, **tilqa'** ukoll l-eccezzjonijiet issollevati mill-kjamat in kawza, l-Avukat Generali u **tichad it-talbiet tar-rikorrenti** billi ma ssibx li l-provvediment tal-14 ta' Dicembru 2015 huwa leziv tal-**Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem - Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' Gunju 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Gunju 2016**